MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 1221/2005

**Katja Cassar**

**vs**

**Francis Cutajar u George Abela**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata minn Katja Cassar fejn din, wara li ppremettiet illi:

Fl-1 ta’ Frar 2004, l-attrici kienet riekba bhala passiggiera fil-vettura numru JAH 391 misjuqa mill-konvenut George Abela;

Meta l-imsemmi George Abela kien ghaddej fi Triq il-Belt Valletta, Zurrieq, sehh incident stradali bejn il-vettura JAH 391 u vettura DAH 268 misjuqa mill-konvenut l-iehor Francis Cutajar;

A kawza tal-imsemmi incident stradali, l-attrici garrbet griehi u feriti gravi kawza ta' liema sofriet debilita' permanenti, f'diversi partijiet tal-gisem u dana kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza;

Ghalhekk l-attrici qed issofri minn danni attwali u ser issofri anke minn danni futuri;

L-incident stradali in kwistjoni sehh minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku tal-konvenuti jew min minnhom;

L-attrici interpellat lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-assunzjoni u likwidazzjoni tad-danni lilha kkagjonati konsegwenza tal-incident aktar 'il fuq indikat izda t-tnejn baqghu inadempjenti.

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara illi l-attrici sofriet danni u debilita' permanenti a kawza tal-incident stradali li sehh fl-1 ta' Frar 2004;

Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici bhala rizultat tal-imsemmi incident okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

Tikkundannahom ihallsu lill-attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez, bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni u b'hekk il-konvenuti jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess Katja Cassar.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut George Abela li permezz taghha ecepixxa illi:

It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-incident tat-traffiku li sehh fl-1 ta' Frar 2004 fil-limiti taz-

Zurrieq waqt li l-eccipjenti George Abela kien qed isuq il-vettura numru JAH 391 ma garax minhabba negligenza, imprudenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, izda gara unikament tort u htija ta' Francis Cutajar, il-konvenut l-iehor, li minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-Regolamenti tat-traffiku waqt li kien qed isuq il-vettura numru DAH 268 mar fuq in-naha hazina tat-triq u habat mal-esponenti li dak il-hin kien qed isuq b'mod regolari u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

In vista tal-premess, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attrici in linea ta' danni u t-talbiet taghha fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Francis Cutajar li permezz taghha eccepixxa illi:

Huwa ghandu jigi ezonerat mir-responsabilita' u liberat mit-talbiet attrici billi l-kollizjoni li sehhet li fiha allegatament weggghet l-attrici, ma sehhitx b'tort tieghu, izda unikament b'tort tal-konvenut l-iehor, li mieghu kienet passiggiera l-attrici.

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-attrici trid tipprova d-danni taghha.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat id-dokumenti kollha.

Semghet ix-xhieda viva voce u rat il-verbali tas-seduti kollha quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici qed titlob risarciment ta' danni lilha kagunati wara habta bejn il-

karozza li fiha hija kienet riekba mal-konvenut George Abela u l-vettura misjuqa mill-konvenut Francis Cutajar.

Il-provi prodotti dwar l-incident u d-dinamika tieghu jirrizultaw mix-xhieda tal-partijiet innifishom u dik ta' certu Charles Borg prodott mill-attur.

L-attrici tixhed hekk:

"*Nibda billi nghid illi l-1 ta' Frar tas-sena 2004, jiena kont riekba bhala passiggiera fis-seat ta' quddiem fuq in-naha tax-xellug tal-vettura tal-marka Suzuki Swift bin-numru ta' registrazzjoni JAH 391, misjuqa minn George Abela. Ahna konna tlaqna miz-Zurrieq u konna fi triqitna fid-direzzjoni lejn Hal Luqa. Kien ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl (11.00pm). is-sewwieq tal-karozza li kont riekba fiha, u cioe' George Abela, huwa l-boyfriend tieghi. Ahna konna morna ghall-kafe', iz-Zurrieq, u konna sejrin lura lejn id-dar meta sehh l-incident.*

*Nispjega illi waqt li konna mexjin fit-triq, fuq in-naha tax-xellug tat-triq, wasalna qrib ta' dahla maghrufa bhala tad-Dielja, u cioe' fejn hemm il-fabbrika tar-Ready Mix; f'dik il-parti tat-triq hemm liwja hafifa lejn in-naha tal-lemin taghna. X'hin wasalna qrib ghal dik il-fetha fit-triq li qed insemmi, u li kienet tigi fuq in-naha tax-xellug taghna, rajt dawl ta' karozza gejjin minn faccata min-naha tax-xellug tieghi. Nispjega illi fuq in-naha tax-xellug kien hemm ukoll diversi sigar mal-genb tat-triq, u kull ma niftakar jien huwa li rajt id-dawl ta' din il-karozza gejjin ghal fuqna.*

*Meta rajt dan id-dawl tal-karozza gejjin ghal fuqna, ir-reazzjoni tieghi kienet illi ngholli idejja lejn wicci ghax kont indunajt li d-daqqa kienet gejja fuq in-naha tieghi. Nispjega illi d-dawl tal-karozza li kienet gejja mill-faccata rajtu gej ghal fuqna b'velocita', tant illi kont certa li kienet ser issir il-habta. L-incident gara f'temp ta' hin qasir hafna, u fil-fatt kif semmejt, kull ma lhaqt ghamilt huwa li ngholli idejja ma' wicci meta ndunajt li ser issir il-habta.*

*Nispjega illi mad-daqqa jien ghalaqt ghajnejja ghax bdejt inhoss hafna hgieg madwari jinkiser u gej ghal fuqi. Mad-*

*daqqa hassejt il-karozza li kont fiha ticcaqlaq fid-direzzjoni opposta ghal dik li konna sejrin fiha, u li niftakar huwa li wara ftit sekondi, il-karozza li kont riekba fiha giet at a stand still. Kien f'dan il-hin illi jien ftaht ghajnejja, u nnotajt illi konna spiccajna fuq in-naha l-ohra tat-triq, inharsu fid-direzzjoni opposta minn dik li konna gejjin minnha.*"

Il-konvenut George Abela jixhed hekk:

"*Jiena fl-1 ta' Frar 2004, ghall-habta tal-11.00pm, kont qed insuq il-vettura Suzuki Swift numru JAH 391 u kelli bhala passiggiera fuq quddiem l-gharusa tieghi lil Katja Cassar. Kont ghaddej go Triq Valletta, limiti taz-Zurrieq u kont sejjer fid-direzzjoni ta' Hal Luqa. Bhala speed kont ghaddej b'xi 40 kfs. Katja u jiena konna libsin is-seatbelt u kelli d-dawl normali u cioe' il-bright u dipped, billi kien dalam u kien hemm ftit dawl fit-triq. Nemmen li l-konsegwenzi tal-habta setghu kienu aghar li kieku ma kellniex is-seatbelt. It-triq li kont ghaddej minnha hija single lane u niftakar illi jiena kont qed insuq fuq in-naha ta' triq tieghi u mill-faccata ma kienx gej traffiku.*

*F'hin minnhom u kif kont ghaddej wasalt f'kisra hafifa, f'liema kisra hemm dahla fuq ix-xellug tieghi li taghti ghall-fabbrika tar-Ready Mix. Kif wasalt hemm rajt dawl qawwi gej ghal fuqna min-naha ta' din id-dahla, u cioe' min-naha tax-xellug tieghi. Jiena kif rajt hekk lanqas ma kelli cans naghfas il-brake ghax hassejt daqqa qawwija fuq ix-xellug tal-karozza u l-karozza tieghi daret u spiccajt fuq in-naha l-ohra tat-triq. Wara rrizulta li l-vettura l-ohra kienet qed tinsaq mill-konvenut l-iehor Francis Cutajar. Jiena cert illi l-vettura li habtet mieghi ma gietx mill-faccata, kif qed jghid l-istess Francis Cutajar, izda harget mid-dahla li hemm li taghti ghall-fabbrika tar-Ready Mix. B'daqqa, il-vettura tieghi, li kienet giet milquta fuq il-genb tan-naha tax-xelluq (fuq in-naha tal-passiggiera) marret fuq in-naha l-ohra tat-triq u spiccat fuq in-naha hazina tat-triq thares lura minn fejn konna gejna.*"

Il-konvenut Cutajar jixhed hekk:

"*Jiena kont sejjer fid-direzzjoni taz-Zurrieq. It-triq tilwi ftit ghal-lemin kif diga' spjegajt. Ma nafx jekk dak iz-zmien kienx hemm dawl fit-triq. Jiena ma rajtux, kull ma hassejt id-daqqa, ma rajtux gej fuqi. Il-karozza l-ohra kienet karozza zghira. Il-karozza z-zghira baqghet tiela' ghal fuq il-vann.*"

Jghid ukoll:

"*Il-karozza l-ohra spiccat dawret il-karozza tieghi.*"

Ikompli jixhed in kontro-ezami:

"*Lill-pulizija jiena kellimthom wara l-incident. Ghaliex lill-pulizija ma ghedtlux li l-karozza kienet gejja wrong side? Jiena nirrispondi illi mhux huma kejlu, jiena m'ghedtilhom xejn. Lill-pulizija kellimthom l-ghada. L-ghada meta kellimt lill-pulizija mohhi kien car ghalkemm wara l-incident jiena kont stordut. M'ghedtlux lill-pulizija li l-karozza kienet gejja wrong side.*"

Xehed ukoll Charles Borg li kien ghamel dikjarazzjoni ghand is-socjeta' assikuratrici tal-konvenut Cutajar. Dan id-dokument, esebit in atti a fol. 40, l-istess Borg jiddikjara li l-karozza tal-konvenut Abela kienet issorpassatu, marret "wrong side" u habtet "head on" mal-pick-up tal-konvenut Cutajar.

Hawnhekk, il-Qorti tqis li l-vertenza essenzjalment iddur fuq kwistjoni tal-kreddibilita' tax-xhieda. Il-verzjonijiet tal-partijiet jikkontrastaw ferm. L-attrici u l-konvenut Abela jsostnu li l-konvenut Cutajar hareg ghal got-triq mid-dahla tal-impjant tar-Ready Mix. Il-konvenut l-iehor u x-xhud Charles Borg jichdu dan. Il-konvenut Cutajar isostni fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu illi din it-tezi l-ewwel ma harget kien fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici. Din il-Qorti ma taqbilx. Qari akkurat tal-affidavit tal-attrici u tal-konvenut Abela juru ghaliex. Hija tikkonferma li l-konvenut Cutajar gie fuqhom min-naha tax-xellug, in-naha tal-passiggier, ezatt kif tidher immarkata fl-iskizz tal-Pulizija d-dahla tal-impjant. Il-konvenut jikkonferma li "rajt dawl

qawwi gej ghal fuqna min-naha ta' din id-dahla, u cioe' min-naha tax-xellug tieghi".

Il-Qorti ma tqisx verosimili l-verzjoni moghtija minn Charles Borg fid-dikjarazzjoni tieghu li ma ggib ebda data. Huwa jikkonferma li d-dikjarazzjoni maghmula minnu saret bil-Malti u mhux bl-Ingliz. Qatt ma nqrat lilu. Il-persuna li fil-fatt irredigietha ma ngabet qatt biex tikkonfermaha. Aktar importanti, il-Pulizija ma rregistraw ebda isem bhala xhud okulari. Ghalkemm ma jistax jigi eskluz li kien dan Charles Borg li waqaf jaghti l-ghajnuna, il-Qorti ma tistax b'hekk tikkonferma li fil-fatt ra l-incident isehh.

Ghar-rigward tax-xhieda tal-konvenut Cutajar, il-Qorti tinnota li din tikkontrasta sew ma dak li ntqal lill-Pulizija sewwa sew wara l-habta. L-ufficjali inkarigat xehed illi meta kellem lil Cutajar, "*Dan qalli illi waqt li gie ma' dik in-naqra bendjatura, ra dawl go wiccu u qal li bhala ghaljena u baqa' diehel – hassu baqa' diehel fil-karozza l-ohra*". Ma ssemma' xejn lill-Pulizija li l-karozza l-ohra kienet gejja wrong side. Il-Qorti tqis li lanqas jista' jitwemmen meta jsostni li l-karozza tal-konvenut l-iehor telghet fuq is-saqaf tal-vettura tieghu, xena dan inverosimili meta tqis id-differenza bejn iz-zewg vetturi, wahda pjuttost zghira u l-ohra pick-up kbir, tqil u gholi.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-verzjoni moghtija mill-attrici u l-konvenut Abela iktar ghandha mis-sewwa. Huwa l-konvenut Cutajar li jahti ghall-incident.

"*Il-grad ta' diligenza u prudenza u attenzjoni li l-utenti tat-triq laterali obligate jezercita huwa li jcedi ghat-traffiku li jkun ghaddej fil-main road (ghaliex dan it-traffiku ghandu d-dritta) li jesplora tajjeb it-triq li ser johrog fiha u sahansitra jieqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li ser johrog bla hsara*", (Camilleri vs. Demicoli – Appell Sup. 27/7/1981).

"*When coming from a side road into a main road, the driver or rider on vehicle should select such a moment as will allow him to enter the maind road with safety. If there is a sign requiring traffic to halt or to go slowly before*

*entering the main road from a side road it is an offence to disobey the sign and evidence of negligence on the part of the driver*", ('The Law of Negligence' by Charlesworth – 2nd Edition pg. 82 et).

"*Id-driver li jkun diehel minn side road ghal go main road ghandu certi doveri x'josserva fosthom dawk li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, li jesplora tajjeb il-main road, qabel ma johrog fiha, u dak li jmexxi dead slow u sahansitra jieqaf biex jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. Huwa ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija billi ghandu d-dmir li jcedi lit-traffiku li jkun hemm fit-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha*", (Stanley Spiteri vs. Joseph Mercieca – Appell Inferjuri 4/5/2005).

L-attrici qeghda titlob risarciment tad-danni. Dwar <u>damnum emergens</u> hija pprezentat ricevuti fl-ammont ta' Lm300.28 ekwivalenti ghal €699.46 u l-Qorti ser takkorda dan bhala ammont ta' damnum emergens. Dawn ir-ricevuti ma gew kontestati bl-ebda mod. Ghar-rigward ta' lucrum cessans, il-Qorti kkunsidrat is-segwenti:

1. L-eta' tal-attrici – fid-data tal-incident l-attrici kellha tmintax-il sena. Fic-cirkostanzi tal-lum, huwa normalment previst illi professjonista' jdum jezercita l-professjoni tieghu sal-eta' ta' mill-anqas hamsa u sittin sena. Ghaldaqstant, il-Qorti qed taddotta multiplier ta' hamsa u tletin (35).

2. Il-percentwali ta' dizabbilita' li sofriet minnha l-attrici giet stabbilita fil-qies ta' 7% mill-esperti medici inkarigati mill-Qorti. Ma ngabet lill-Qorti ebda raguni li twassalha tiddipartixxi minn dan il-grad.

3. L-attrici attwalment tippercepixxi remunerazzjoni ta' €15,150 fis-sena. Hija impjegata ma' Pace Lautier Design Workshop (ara Dok. X4 a fol. 148) bhala "Junior Professional". Din il-Qorti hija konvinta li l-attrici ghandha karriera prospettiva twila u rimunerata adegwatament.

Tali rimunerazzjoni zgur ser tizdied u tizdied malajr, kif jigri normalment fil-kaz ta' professjonista. Ghalhekk il-Qorti qieghda "arbitrio boni viri" tqis il-paga tal-attrici fl-ammont ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000). Fieragh l-argument tal-konvenut Abela illi galadarba hija mara u gharusa, il-probabilita' hija li hija tieqaf mix-xoghol ghal xi snin biex trabbi familja. Il-konvenut Abela jaf ben tajjeb illi fic-cirkostanzi ekonomici u socjali tal-lum, mara professjonista ma titlaqx il-karriera sabiex trabbi l-familja. Anzi, huma l-professjonisti l-aktar fost in-nisa li jibqghu jregu karriera u familja minghajr interruzzjoni. Il-possibilita' ta' maternita' m'ghandhiex, fil-fehma ta' din il-Qorti titqies bhala fattur ta' "changes and chances of life".

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qeghda takkorda bhala "lucrum cessans" l-ammont ta' disgha u erbghin elf Ewro (€49,000).

U cioe'

€20,000 x 35 x 7% = €49,000

Tenut kont li l-kawza ilha ghaddejja sitt snin, u l-probabilita' li l-introjtu taghha ser jikber ferm, m'huwiex ser isir tnaqqis minhabba lump sum payment.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara li Francis Cutajar jahti wahdu ghall-incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' Frar 2004 fiz-Zurrieq; tiddikjara ukoll illi Katja Cassar sofriet danni minhabba dan l-incident, liema danni jammontaw ghal disgha u erbghin elf sitt mija u disgha u disghin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€49,699.46); il-Qorti tikkundanna lil Francis Cutajar ihallas lil Katja Cassar l-ammont ta' disgha u erbghin elf sitt mija u disgha u disghin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€49,699.46).

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Francis Cutajar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------